

Brussell, 30 ta' Ottubru 2020  
(OR. en)

12432/20

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2018/0133(NLE)**

---

---

**RESPR 64  
FIN 797  
CADREFIN 348  
POLGEN 178**

**NOTA PUNT "I"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Nru dok. Cion:	8360/18 (COM(2018) 328 final)
Suġġett:	Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) li jemenda r-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud

---

1. Fl-4 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud<sup>1</sup>. Ir-Regolament tal-Kunsill propost huwa parti mill-pakkett ta' proposti dwar sistema ġdida tar-riżorsi proprji li sar fil-kuntest tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2021-2027 li jmiss, flimkien mal-proposti tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema ta' Riżorsi Proprji tal-Unjoni Ewropea<sup>2</sup>, Regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni għas-sistema tar-Riżorsi Proprji tal-Unjoni Ewropea<sup>3</sup> u Regolament tal-Kunsill dwar il-metodi u l-proċedura għad-disponibbiltà tar-Riżorsi Proprji bbażati fuq Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva, fuq l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea u fuq l-Iskart tal-plastik mill-imballaġġ li mhux qed jiġi riċiklat, u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti<sup>4</sup>.

---

<sup>1</sup> Dok. 8360/18.

<sup>2</sup> Dok. 8357/18 + ADD 1 + ADD 2.

<sup>3</sup> Dok. 8359/18 + ADD 1.

<sup>4</sup> Dok. 8358/18.

2. Il-proposta għandha l-għan li tissimplifika b'mod konsiderevoli l-aspetti tar-riżorsi proprji tat-taxxa fuq il-valur miżjud, b'mod partikolari b'rabta mal-kalkolu tal-bażi għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT.
3. Fit-23 ta' Mejju 2018, il-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament Ewropew u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar din il-proposta. Il-Parlament Ewropew għadu ma tax l-opinjoni tiegħu. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri tat l-opinjoni tagħha<sup>5</sup> fid-9 ta' Ottubru 2018.
4. Il-proposta ġiet diskussa fil-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riżorsi Proprji fid-29 ta' Mejju 2018, id-9 ta' Ottubru 2018, it-28 ta' Jannar 2019, il-11 ta' Marzu 2019, it-8 ta' April 2019, l-10 ta' Mejju 2019 u t-12 ta' Ġunju 2020.
5. Il-laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew bejn is-17 u l-21 ta' Lulju 2020 adottat konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew li jkopru wkoll id-dħul għall-QFP 2021-2027<sup>6</sup>.
6. Il-Presidenza sarrfet il-gwida politika mogħtija mill-Kunsill Ewropew fil-21 ta' Lulju 2020 fi proposti ta' kompromess, li ġew diskussi f'vidjokonferenzi informali tal-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riżorsi Proprji fl-10 ta' Settembru u t-22 ta' Ottubru 2020. B'mod partikolari, il-metodu għall-kalkolu tal-bażi għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT ġie sostitwit mill-hekk imsejjaħ metodu alternattiv simplifikat u rfinat.

---

<sup>5</sup> ĠU C 431, 29.11.2018, p. 1.

<sup>6</sup> EUCO 10/20

7. Test finali tal-proposta tal-Presidenza dwar ir-Regolament tal-VAT emendat ġie soġġett għal konsultazzjoni bil-miktub, li għalqet fit-30 ta' Ottubru 2020, bl-ebda delegazzjoni ma tqajjem oġġezzjoni. It-test tal-proposta tal-Presidenza jinsab fl-Anness għal din in-nota.
8. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
- jikkonferma t-test propost mill-Presidenza, kif jinsab fl-Anness, bil-ħsieb li l-Kunsill ikun jista' jilħaq qbil politiku bħala parti mill-pakkett tal-QFP dwar dan it-test, soġġett għal reviżjoni mill-ġuristi lingwisti;
  - jiddeċiedi li jibgħat it-test rivedut tar-Regolament tal-Kunsill, kif jinsab fl-Anness, lill-Parlament Ewropew, u jstieden lill-Parlament Ewropew jikkunsidrah meta jfassal l-opinjoni tiegħu;
  - jiddeċiedi li jibgħat it-test rivedut tar-Regolament tal-Kunsill, kif jinsab fl-Anness, lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, u jitlob lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri tagħti opinjoni dwar it-test rivedut.
-

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE, Euratom)**

**li jemenda r-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 322(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew<sup>7</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri<sup>8</sup>,

Billi:

- (1) Ir-riżorsa proprja tal-Unjoni bbażata fuq it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 20xx/xxxx/EU, Euratom<sup>9</sup> (ir-"riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT") jenħtieġ issir disponibbli għall-Unjoni fl-aħjar kondizzjonijiet possibbli. Għaldaqstant jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli għall-Istati Membri dwar kif dik ir-riżorsa titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-baġit tal-Unjoni.

---

<sup>7</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>8</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>9</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill 20xx/xxxx/UE, Euratom ta' ... dwar is-sistema ta' riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom (ĠU L ...).

- (2) Id-dispożizzjonijiet relatati mal-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT u r-regoli dettaljati sabiex jingħata effett għal dawn l-arranġamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2021.
- (3) Għall-fini tas-sempliċità u t-trasparenza, u sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ li r-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT tiġi kkalkulata fuq il-bażi ta' rata medja ponderata pluriennali definittiva. Jenħtieġ li l-arranġamenti għall-kalkolu tal-bażi għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT jiġu kkalkolati b'mod uniformi billi jibdw mid-dħul li kien effettivament inġabar f'sena kalendarja determinata bħala l-uniku metodu definittiv għad-determinazzjoni tal-bażi għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT.
- (4) Jenħtieġ li r-rata medja ponderata definittiva tal-VAT mis-sena finanzjarja 2016 tintuża bħala rata medja ponderata pluriennali definittiva.
- (5) Għaldaqstant jenħtieġ li r-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89<sup>10</sup> jiġi emendat skont dan.
- (6) Għal raġunijiet ta' konsistenza, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-istess jum tad-Deċiżjoni 20xx/xxxx/UE, Euratom u jenħtieġ li japplika mill-1 ta' Jannar 2021. Madankollu, jenħtieġ li dan ir-Regolament ma japplikax għall-produzzjoni jew il-korrezzjoni ta' dikjarazzjonijiet tal-bażi għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT għas-snin finanzjarji qabel l-2021,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

---

<sup>10</sup> Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud (ĠU L 155, 7.6.1989, p. 9).

## *Artikolu 1*

Ir-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89 huwa emendat kif ġej:

- (1) it-titoli tas-suddiviżjonijiet li ġejjin huma mħassra:
  - (a) "Titolu I Dispożizzjonijiet ġenerali";
  - (b) "Titolu II Kamp ta' applikazzjoni";
  - (c) "Titolu III Metodu ta' kalkolu";
  - (d) "Titolu IV Id-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-kontabilità u d-disponibbiltà tar-riżorsi proprji";
  - (e) "Titolu V Dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-kontroll";
  - (f) "Titolu VI Dispożizzjonijiet finali";
- (2) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

## *"Artikolu 1*

Ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT għandha tiġi kkalkolata billi tiġi applikata r-rata uniformi ta' ġbir skont il-punt (b) tal-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 20xx/xxx/UE, Euratom\*, għall-bażi ddeterminata skont dan ir-Regolament.

---

\* Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 20xx/xxxx/UE, Euratom ta' [DATA] dwar is-sistema tar-Riżorsi Proprji tal-Unjoni Ewropea (ĠU L [...], [...], p. [...])."

- (3) L-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġejj:

*"Artikolu 2*

Ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT għandha tiġi ddeterminata mit-tranżazzjonijiet taxxabbli msemmija fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE\* (id-Direttiva tal-VAT) dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, kif emendata.

---

\* Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1)."

- (4) L-Artikoli 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġejj:

*"Artikolu 3*

1. Għal sena kalendarja partikolari, il-bażi għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT għandha tiġi kkalkulata billi d-dħul nett totali tal-VAT miġbur minn Stat Membru matul dik is-sena, korrett skont il-paragrafu 2, jiġi diviż bir-rata medja ponderata tal-VAT, kif ikkalkulata skont il-metodu stabbilit fl-Artikolu 4.

Din ir-rata medja ponderata pluriennali definittiva għandha tiġi espressa bħala perċentwal, billi jiġi applikat il-metodu komuni stabbilit fl-Artikolu 4.

2. Id-dħul nett totali tal-VAT miġbur mit-tranżazzjonijiet taxxabbli msemmija fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament għandu jiġi kkoreġut biex jitqiesu l-ammonti li ġejjin:
  - (a) kwalunkwe ammont li għandu jkun trattat għal finijiet tar-riżorsi proprji bħala tranżazzjonijiet li joriġinaw fi, jew li huma destinati għal, Stat Membru għalkemm joriġinaw fi, jew li huma destinati għal, territorju msemmi fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2006/112/KE;

- (b) kwalunkwe ammont li jirriżulta minn wieħed mill-postijiet imsemmija fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2006/112/KE, sa fejn l-Istat Membru jkun jista' jagħti prova li d-dħul ġie ttrasferit għal dak il-post;
  - (c) kwalunkwe ammont dovut b'segwitu għal korrezzjoni li tirriżulta minn ksur tad-Direttiva 2006/112/KE.
3. L-ammont miksub bl-applikazzjoni tal-paragrafu 1 għandu jiġi mmultiplikat bir-rata uniformi ta' għbir msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 20xx/xxxx/UE, Euratom\*\* sabiex tinkiseb ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT li għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-baġit tal-Unjoni.

#### *Artikolu 4*

- 1. Ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT għandha tiġi kkalkulata abbażi ta' snin kalendarji.
- 2. Ir-rata medja ponderata pluriennali definittiva għandha tiġi kkalkulata abbażi tal-metodu li ġej:
  - (a) għandha tiġi espressa bħala perċentwal ikkalkulat mill-Istat Membru għas-sena finanzjarja 2016, filwaqt li jiġu rispettati d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu kif applikabbli qabel l-2021;
  - (b) il-perċentwal li fih tiġi espressa r-rata medja ponderata pluriennali definittiva għandha tiġi kkalkulata sar-raba' pożizzjoni deċimali;
  - (c) il-perċentwal li fih tiġi espressa r-rata medja ponderata pluriennali definittiva għandu jkun ġie spezzjonat u għandu jkun ħieles minn notifiki dwar kwistjonijiet pendenti kif imsemmi fl-Artikolu 9(2) kif applikabbli qabel l-2021;
  - (d) rata medja ponderata taħt in-notifika għandha tintuża fl-interim, u għandha titqies bħala r-rata medja ponderata pluriennali proviżorja;

- (e) Iadarba l-kwistjonijiet taħt notifikata jkunu għew solvuti, il-perċentwal li jirriżulta għandu jissostitwixxi r-rata medja ponderata pluriennali proviżorja, u għandu jsir ir-rata medja ponderata pluriennali definittiva mis-sena finanzjarja 2021 'il quddiem;
- (f) I-implikazzjonijiet baġitarji ta' kwalunkwe differenza bejn ir-rata medja ponderata pluriennali proviżorja u dik definittiva għandhom jiġu indirizzati skont il-proċedura deskritta fl-Artikolu 10b(5) tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014\* magħrufa bħala l-eżerċizzju tal-bilanċ annwali.

---

\* Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014 tas-26 ta' Mejju 2014 dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti (ĠU L 168, 7.6.2014, p. 39).

\*\* Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 20xx/xxxx/UE, Euratom ta' [DATA] dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea (ĠU L [...], [...], p. [...]);

(5) L-Artikoli 5 u 6 jitħassru;

(6) L-Artikolu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

#### *"Artikolu 7*

1. Sal-31 ta' Lulju ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni l-estratt tal-kont dwar l-ammont totali tal-bażi għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT għas-sena kalendarja preċedenti, ikkalkulata skont l-Artikolu 3, li għaliha għandha tkun applikata r-rata msemmija fl-Artikolu 1.
2. L-estratt għandu jkun fih id-data kollha użata biex tkun iddeterminata l-bażi li hija meħtieġa għall-ispezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 20xx/xxxx.
3. Id-data li tintuża sabiex tkun stabbilita l-bażi għandha tkun id-data l-aktar reċenti disponibbli meta l-estratt ikun ippreparat.

4. L-Istati Membri jistgħu jitolbu estensjoni tal-limitu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jekk ċirkostanzi eċċezzjonali lil hinn mill-kontroll tagħhom jagħmluha impossibbli li jitwettqu l-kalkoli skont l-Artikolu 3 u għalhekk sabiex jaderixxu ma' dak il-limitu ta' żmien. Talba bħal din għandha ssir lill-Kummissjoni bil-miktub u għandha tagħti r-raġunijiet għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali.
5. Il-Kummissjoni, wara li teżamina talba msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, tista' tagħti estensjoni waħda tal-limitu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għal massimu ta' xahrejn. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta l-għadd ta' talbiet u d-deċiżjonijiet korrispondenti tagħha lill-kumitat imsemmi fl-Artikolu 13(1) fuq bażi annwali.";

- (7) L-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 8*

Għal finijiet baġitarji, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni sal-15 ta' April ta' kull sena stima tal-bażi għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT għas-sena finanzjarja li jmiss.";

- (8) L-Artikolu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 9*

1. Kwalunkwe korrezzjoni għall-estratti msemmija fl-Artikolu 7(1) tas-snin finanzjarji preċedenti, tkun xi tkun ir-raġuni, għandhom isiru bi ftehim bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru kkonċernat.

Jekk l-Istat Membru u l-Kummissjoni ma jaqblux dwar korrezzjoni, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru kkonċernat dwar il-korrezzjoni meħtieġa b'ittra. Dik l-ittra għandha tikkostitwixxi il-"miżuri" kif imsemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 12(2) tar-Regolament tal-Kunsill 609/2014.

2. L-Istat Membru kkonċernat jista' jitlob lill-Kummissjoni biex tirrieżamina l-korrezzjoni kkomunikata skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 fi żmien xahrejn mill-jum meta tkun waslet l-ittra msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1. Dan il-proċess ta' rieżami għandu jiġi konkluż b'deċiżjoni tal-Kummissjoni li għandha tiġi adottata mill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-jum li tkun waslet it-talba tal-Istat Membru.

F'każ li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tirrevedi l-ammonti għal kollox jew parzjalment b'mod korrispondenti għall-korrezzjoni, l-Istat Membru għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni l-ammont korrispondenti. La t-talba tal-Istat Membru għal rieżami tal-korrezzjoni u lanqas rikors għal annullament kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni m'għandhom jaffettwaw l-obbligu tal-Istat Membru li jqiegħed għad-dispożizzjoni l-ammont li jikkorrispondi għall-korrezzjoni.

Il-korrezzjonijiet kollha għandhom ikunu inkorporati f'estratti aggregati, li għandhom jemendaw l-estratti ta' qabel għas-snin finanzjarji kkonċernati.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jagħtu aktar dettalji tal-modalitajiet proċedurali għall-proċedura ta' rieżami msemmija fil-paragrafu 2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 13(3). L-adozzjoni ta' dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-proċedura ta' rieżami stabbilita fil-paragrafu 2.
4. L-ebda korrezzjoni oħra m'għandha ssir għall-estratti tal-kont imsemmija fl-Artikolu 7(1) wara l-31 ta' Lulju tar-raba' sena wara s-sena finanzjarja ikkonċernata, sakemm dawk il-korrezzjonijiet ma jikkonċernawx punti nnotifikati qabel jew mill-Kummissjoni inkella mill-Istat Membru kkonċernat.";

(9) L-Artikolu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 10*

1. Sat-30 ta' April kull sena, kull Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni bi kwalunkwe soluzzjoni jew modifika relatata li jipproponi li jiġu adottati sabiex jiġu determinati l-ammonti msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 3(2). Is-soluzzjoni proposta għandha tindika, fejn applikabbli, in-natura tad-data li l-Istat Membru jqis xieraq, u għandu jinkludi stima tal-valur tal-bażi għal kull punt.

Sal-31 ta' Mejju tal-istess sena, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Istati Membri l-oħra l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu li hi tkun irċeviet minn Stat Membru.

2. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni rigward is-soluzzjonijiet proposti mill-Istati Membri skont il-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 13(2) fi żmien 60 jum wara li l-komitati msemmi fl-Artikolu 13(1) ikun ta l-opinjoni tiegħu.";

(10) L-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

- (a) il-paragrafu 1 huwa mħassar;
- (b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. "Wara l-kontrolli msemmija fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament (UE, Euratom) 20xx/xxxx, l-estratt annwali għal sena finanzjarja partikolari għandu jkun ikkoreġut kif speċifikat fl-Artikolu 9.";

- (c) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"2. Fir-rigward tar-rata medja ponderata msemmija fl-Artikolu 4, il-paragrafi 2 u 3, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-korrezzjonijiet msemmija fl-Artikolu 9 ippreżentati mill-Istati Membri sabiex titneħħa kwalunkwe notifika dwar kwistjonijiet pendenti dwar ir-rata medja ponderata."

(11) L-Artikolu 12 huwa sostitwit b'dan li ġejj:

*"Artikolu 12*

1. Kull sena l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni dwar it-tibdil kollu rilevanti fil-proċessi u l-proċeduri amministrattivi tagħhom li japplikaw għall-ġbir ta' VAT meta mqabbla ma' dak li ppreżentaw preċedentement.
2. Il-Kummissjoni għandha tikkonsidra, flimkien mal-Istat Membru kkonċernat, jekk dawn il-proċessi u proċeduri jistgħux ikunu mtejba.
3. Kull ħames snin, il-Kummissjoni għandha tipproduċi rapport dwar il-miżuri meħuda u l-progress li sar mill-Istati Membri b'rabta mal-ġbir ta' VAT u dwar kwalunkwe titjib.

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta dan ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-ewwel darba sal-31 ta' Diċembru 2025.";

(12) L-Artikolu 13 huwa sostitwit b'dan li ġejj:

*"Artikolu 13*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Konsultattiv dwar ir-riżorsi proprji (ACOR/VAT) stabbilit fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 20xx/xxxx. Dan il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

---

\* Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).";

(13) Wara l-Artikolu 13, jiddaħħal Artikolu 13a ġdid:

*"Artikolu 13a*

1. Il-Kummissjoni għandha tipproduċi rapport dwar il-funzjonament tas-sistema tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2025. Ir-rapport għandu jiddikjara:
  - (a) l-għadd ta' Stati Membri li għadhom japplikaw rata medja ponderata soġġetta għal kwalunkwe notifika dwar kwistjonijiet pendenti;
  - (b) kwalunkwe tibdil fir-rati nazzjonali tal-VAT.
2. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jinkludi valutazzjoni dwar jekk is-sistema tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT u, b'mod partikolari r-rata medja ponderata pluriennali, humiex effettivi u adegwati. Jekk xieraq, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta għal modifika ta' dan ir-Regolament bil-ħsieb li tiġi ddeterminata r-rata medja ponderata pluriennali abbażi ta' data aktar reċenti."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni 20xx/xxxx/EU, Euratom.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Madankollu, l-Artikolu 1 m'għandux japplika għall-produzzjoni jew il-korrezzjoni ta' estratti għall-bażi għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT għas-snin finanzjarji qabel l-2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*